MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2010

Appell Kriminali Numru. 33/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dr Mario Cuschieri)**

**v.**

**Alain Schmitt**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti fl-1 ta' Frar 2010 li permezz taghha dik il-qorti ordnat li Alain Schmitt (hawn aktar 'l quddiem "l-estradant") (ta' nazzjonalita` Franciza, imwieled fil-5 ta' Lulju 1960, bin Andre` u Odette Page) jinzamm taht kustodja sabiex jistenna li jigi mregga' lura lejn Franza in konnessjoni mas-sentenza tat-*Tribunal de Grande Instance* ta' Thionville tas-7 ta' Ottubru 2008, b'dan pero` li, b'applikazzjoni ta' dak li jipprovdi r-regolament 23 tal-Avviz Legali 320/2004, il-Qorti Rimandanti ddikjarat li l-imsemmi Schmitt "ikun intitolat ghal ritrattazzjoni jew, f'kaz ta' appell, ghal revizjoni tal-

kaz.” L-appell gie intavolat b’rikors presentat fil-5 ta’ Frar 2010.

**2.** Kif gie spjegat fis-sentenza moghtja llum stess fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Laurence Liegeois**, fl-udjenza tad-19 ta’ Frar 2010 quddiem din il-Qorti gie maqbul, ghall-finijiet ta’ pratticita`, li l-abbili difensur tal-appellant odjern, Dott. Emy Bezzina, li huwa wkoll id-difensur tal-appellanti l-ohra Liegeois, jigbor l-aggravji b’mod organiku fir-rigward ta’ Liegeois u dawn ikun japplikaw ukoll ghall-appellant Schmitt, b’dan pero` li fir-rigward tal-imsemmi Schmitt kien hemm sitt aggravji ohra li gew hekk migjuba ‘l quddiem. L-ewwel tmien aggravji – li ghalhekk japplikaw ghaz-zewg appellanti – gew diga` trattati minn din il-Qorti, li anke ddecidiet dwarhom, fis-sentenza ta’ Liegeois. Ghalhekk din il-Qorti, a skans ta’ ripetizzjoni, filwaqt li taghmel piena referenza ghall-paragrafi **7** sa **14** ta’ dik is-sentenza, ghall-istess ragunijiet moghtija fihom, qieghda *mutatis mutandis* tichad l-ewwel tmien aggravji anke fil-konfront tal-appellant Schmitt. L-unika precisazzjoni li din il-Qorti thoss li ghandha taghmel hi li Schmitt instab hati ta’ komplicita` f’estorsjoni u komplicita` f’offiza fuq il-persuna, kif ukoll tar-reat skedat ta’ “kidnapping, illegal restraint and hostage-taking” imsemmi fil-partita 16 tat-Tieni Skeda tal-A.L. 320/04.

**3.** L-aggravji addizjjonali ta’ Schmitt huma s-segwenti. Id-disa’ aggravju tieghu hu li mhux biss huwa ma nghatax kopja tal-*EAW* izda, minhabba l-vista limitata tieghu, u peress li huwa f’xi zmien ma kienx inghata l-apparat li huwa kellu (u li gie mizmum mill-pulizija wara l-perkwisizzjoni li saret biex hu u Liegeois jigu arrestati), hu ma setax jaqra’ dan id-dokument. Dan l-aggravju huwa manifestament infondat ghall-finijiet ta’ dawn il-proceduri. Kif gie osservat fil-paragrafu **11** tas-sentenza ta’ Liegeois, galadarba ma tqajjmet ebda oggezzjoni fl-istadju opportun, l-appellant ma jistax jilmenta issa u jipprova fi stadju ta’ appell japplika, b’xi mod indirett jew oblikwu, ir-regolament 8(5). Certament fi stadju inizjjali tal-proceduri quddiem il-Qorti Rimandanti dan il-*warrant* kien pjenament disponibbli ghall-appellant Schmitt, u ghalhekk dana seta’ liberament jigi mfisser lilu kemm mill-interpretu imqabbad

minn dik il-Qorti kif ukoll mill-abbili avukat tieghu (li din il-Qorti setghet tinnota fl-awla li m'ghandu ebda diffikolta` biex jikkomunuika mal-klient tieghu). Il-ligi b'ebda mod ma tirrikjedi li dan id-dokument jinghata f'xi forma ghajr dik ta' kitba fuq karta. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi michud.

**4.** Aggravju iehor hu li meta huwa ngab quddiem l-ewwel Qorti fl-udjenza tas-7 ta' Jannar 2010 huwa kien "vizibbilment disorjentat". Dana l-"aggravju", jekk tista' ssejjahlu hekk, huwa rrelevanti ghall-finijiet ta' dana l-appell. Din il-Qorti ezaminat akkuratament il-verbal tal-udjenza tas-7 ta' Jannar 2010 – fol. 3 sa 4 tal-atti – u imkien ma jissemma', imqar minimament, xi haga riferribbilment ghal dan l-allegat stat ta' dizorjentament akut. Din il-Qorti jkollha tistqarr li fil-kors ta' dawn il-proceduri fir-rigward tal-appellant odjern saru, anke quddiem din il-Qorti, diversi tentattivi biex, a bazi tal-iskuza tas-sahha, jew ahjar nuqqas taghha, tal-estradant, dawn l-istess proceduri jigu sospizi jew ghalbiex l-estradant jinghata l-helien mill-arrest. Din il-Qorti – u ebda Qorti – ma ghandha toqghod ghal dan it-tip ta' raggiri. Jigi senjalat biss li din il-Qorti, kif diga' kellha l-opportunita` li tosserva fid-digriet taghha tal-15 ta' Frar 2010 dwar il-helsien mill-arrest, hija sodisfatta li l-appellant qed jinghata l-kura mehtiega, u jekk hu qed jipprova jaggrava s-sitwazzjoni bl-imgieba tieghu, fosthom *hunger strike*, din il-Qorti ma tistax tghid hlief *imputet sibi.*

**5.** Aggravju iehor tal-estradant Schmitt – il-hadax-il wiehed – hu li s-sentenza tat-*Tribunal de Grande Instance* inghatat *in absentia*, u li minkejja kull assigurazzjoni moghtija mill-awtoritajiet Francizi ghal *re-trial* jew appell, tali assikurazzjoni qatt ma jista' jkollha effett minhabba l-ossessjoni ta' Franza bis-setet. Fid-dawl tad-dokumenti kollha sottomessi mill-Prosekuzzjoni, dana l-aggravju huwa wkoll infondat. Jirrizulta infatti b'mod car mid-dokument a fol. 98 (ara l-original bil-Franciz, a fol. 97, taht il-firma tas-sostitut Prokuratur D. Mauchard) li *"Should the request for surrender of the person to the French Judicial Authorities be granted, he will be informed of the sentence as soon as he arrives on French territory and he will have the possibility of lodging an appeal for re-examination of*

*the case”.* Ghall-finijiet ta’ dawn il-proceduri ta’ estradizzjoni, din il-Qorti ma tarax li tista’ tmur oltre din l-assigurazzjoni. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint ukoll.

**6.** It-tnax-il aggravju jerga’ jirreferi ghall-kwistjoni tal-awtentikazzjoni tad-dokumenti, u dan peress li, ovvjament, id-dokumenti fil-process tal-appellant Schmitt huma differenti minn dawk ezibiti fil-process ta’ Liegeois, apparti li anke l-impagnatura (i.e. in-numru tal-pagni) hija differenti. Ghall-istess ragunijiet moghtija fil-paragrafu **13** tas-sentenza moghtija aktar kmieni llum fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Laurence Liegeois**, dana l-aggavju qed jigi respint.

**7.** It-tlettax-il aggravju jirrigwarda n-nomina tat-tabib Dott. Mario Scerri. L-appellant jilmenta li dana rrelata fuq affarijiet li ma kienx mitlub jirrelata dwarhom, u l-konkluzzjonijiet tieghu seta’ kellhom “influwenza negattiva” fuq il-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti. Din il-Qorti tirrileva, pero`, li dan Dott. Scerri gie nominat mill-Qorti Rimandanti wara diversi ilment li l-appellant ghamel dwar sahhtu. Dik il-Qorti, li kellha kull dritt tara jekk dawn l-ilmenti kienux frivoli jew le, setghet tispigola dak li kien relevanti mir-relazzjoni tal-imsemmi tabib u dak li seta’ ma kienx. B’daqshekk, pero`, din il-Qorti ma tarax kif ir-relazzjoni ta’ Dott. Scerri tista’ tigi maqjjma f’dana l-istadju bhala xi forma ta’ “ostakolu” ghall-estradizzjoni. Dan l-aggravju huwa ghalhekk infondat u jirrazenta l-fieragh.

**8.** L-ahhar aggravju tal-appellant – l-erbatax-il wiehed – hu li f’pagna 43, fejn hemm it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta’ Dott. Mario Scerri, kif ukoll a fol. 27, fejn hemm it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni tas-Supretendent Abraham Zammit, isem l-appellant gie indikat bhala “Alan Schmidt”. Inqas ma jinghad fuq dan l-aggravju, ahjar ghall-appellant.

**9.** Ghall-motivi premessi, prevja c-cahda tat-tieni talba kontenuta fir-rikors tal-11 ta’ Frar 2010, tichad l-appell ta’ Alain Schmitt tal-5 ta’ Frar 2010 u tikkonferma d-decizjoni tal-Qorti Rimandanti tal-1 ta’ Frar 2010.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------